IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.

Nru. 48 — L-ERBGĦA, L-1 TA' NOVEMBRU, 1944. — Nru. 48

KWISTJONIJIET OĦRA TAL-LUM FUQ IL-BIEDJA

(Taħdita magħmula fuq ir-"Rediffusion" mid-Direttur tal-Biedja, fit-8 ta' Ottubru)

FIT-TAĦDITA tiegħi, il-Ħadd li għadda, kellimtkom fuq ħwejjeġ bil-bosta importanti u fissirtilkom fil-qasir fuq ħwejjeġ li l-lum jitkellmu fuqhom kullimkien; fissirtilkom fil-qasir imħabba illi ż-żmien ma kienx jippermetti. Imma billi ċertu diskors li soltu jinstema' fit-toroq, fil-kaffejiet, fuq il-karrozzi u f'postijiet oħra, baqa' sejjer bħas-soltu, deherli li kien hemm xi żewġ punti li forsi jridu xi tifsira aħjar, u għalhekk sejjer nerġa' nitkellem fuqhom ukoll, anzi nibda bihom. l-iżjed għal dawk in-nies li ma semgħunix il-Ħadd li għadda.

Il-Patata

L-ewwel punt importanti hija l-kwistjoni tal-patata. Ħafna staqsew, u għadhom jistaqsu, il-għala hawn din l-iskarsizza ta' patata, meta fil-bidu ta' l-istaġun kien hemm biża' li l-patata titħassar. Min jifhem kien igħid illi jekk ma nsifruhiex din tintilef żgur—u hekk kien ikun.

Intom tiftakru tajjeb li fi żmien normali, aħna konna nsiefru l-patata, u li bħal dan iż-żmien konna nerġgħu nimpurtaw għall-ikel minn elf sa elfejn tunnellata. Nisthajjel li bosta minnkom igħidu "il-għala l-Gvern ma żammx il-patata hawnhekk meta ma hemmx ċans li wieħed iġib minn barra?" Il-patata li siefret minn Malta kien jiħtiġilha li ssiefer għaliex hawnhekk ma żżommx. u r-raġuni illi d-Dipartiment kien għamel il-prezz skala — jiġifieri iżjed ma jgħaddi ż-żmien iżjed togħla — kien apposta biex min jista' jżommha, iżommha, u talli jżommha jitpatta għal prezz iżjed li jieħu. Biex il-patata tinżamm sa daż-żmien u wara daż-żmien, u tibqa' f'kondizzjoni tajba, ikun jinħtieġ li tinżamm f'postijiet friski u addattati, ħaġa li l-Gvern m'għandux, u l-bdiewa lanqas għandhom, neħħi l-bdiewa ta' l-inħawi tar-Rabat, Ħad-Dingli u madwarhom, li huma il-postijiet ewlenin fejn il-patata u l-basal iżommu l-aħjar. u sewwa sew il-bdiewa ta' dawn il-postijiet li żammew il-patata li baqgħet — għalkemm x'uħud minnhom tħassritilhom ukoll bis-susa li din is-sena għamlet tagħha wkoll. Dan ifisser illi, li kieku l-patata ma sifritx, wisq ftit minnha kienet bħalissa tkun tajba għall-ikel, u, m'għandniex xi ngħidu, il-biċċa l-kbira minnha kienet tintrema' u b'hekk il-bdiewa kienu jaqtgħu qalbhom biex jerġgħu jiżirgħu fi staġun ieħor.

Issa l-patata li baqa' qiegħda fil-postijiet li semmejtilkom, u l-bdiewa li huma irġiel u ta' kelmthom qegħdin iġibu dak li ngħidulhom, iżda, billi xi wħud igħidu illi ma fadlilhomx. u oħrajn tħassritilhom. issa m'aħniex niġbru kull darba l-kwantità li tinħtieġ għall konsum. Aħna. iżda. qegħdin nagħmlu ħilitna kollha biex nirmedjaw għal dan sakemm hu possibbli li dan isir.

Fit-taħdita tiegħi tal-Ħadd li għadda jien tlabt lill-konsumaturi biex ma jixtrux patata u basal minn għand bdiewa kif lanqas jixtruha minn għand tal-ħaxix bi prezz ogħla minn dak tal-Gvern. Din it-talba jien nerġa' nagħmilha l-lum bi ħrara qawwija. L-ewwelnett, jekk wieħed jixtri dirett minn għand il-bidwi, dan jagħmlu biss min jista' jixtri u min jista' jħallas. Jekk huma jixtru minn għand il-bejjiegħa bi prezz ogħla, dawn ikunu jagħmlu ħażin għaliex meta aħna nagħtu patata lill-bejjiegħa. il-qligħ tagħhom huwa ikkalkulat skond ma jixraq. Mill-banda l-oħra. jekk wieħed jibda jixtri patata bil-"black market". allura għandna ma tiġix u aħna ma nkunux nistgħu naqdu lill-poplu kif nixtiequ, jiġifieri hemm bżonn li dak li baqa' jiġi f'idejna u b'hekk aħna nkunu nistgħu nagħtu razzjon imqar ta' nofs ratal ir-ras basta li jkun hemm jitqassam fost kulħadd bil-prezz tal-Kontroll.

Hawnhekk sejjer ngħid kelmtejn lill-bdiewa — u sejjer ngħid mill-inqas li nista', bit-tama li huma jifhmuni.

Jekk hemm xi wħud li qegħdin ibigħu dirett lill-bejjiegħa, jew inkella bi prezz ogħla mill-prezz tal-Gvern, dawn qegħdin jagħmlu żball kbir, kif ukoll qed jagħmlu żball dawk li jgħidu li l-patata tħassritilhom biex jagħmlu biha baxx baxx dak li jidhrilhom. Jiena fid-dmir inwissi lill-bdiewa li min dan l-aħħar inqabad jagħmel dan ix-xogħol weħel £25 multa u ntqabadlu l prodott kollu li kellu. waqt li kien qed jikser il-liġi.

Il-Basal

Il-kwistjoni tal-basal hi oħt dik tal-patata, billi tixbaħha f'kollox.

Il-maltemp li kien għamel f'nofs Awissu li għadda kien għamel ħafna ħsara lill-prodott tal-basal, billi l-biċċa l-kbira tal-basal isfar kien miżmum fil-beraħ, għaliex il-bdiewa li jikkultivawh m'għandhomx postijiet adattati fejn jaħżnuh, u billi ixxarrab, il-basal kien iżomm wisq inqas milli kieku kien iżomm.

Billi kien għad ma għandna l-ebda risposta dwar is-safar tiegħu, u billi nafu li, ikunu x'ikunu l-kondizzjonijiet lokali, jekk il-basal ma jsifirx kwantità minnu tintrema żgur, aħna ippruvajna nħajru lill-konsumaturi biex jaħżnu xi xkora huma, u fid-djar jista' jinżamm wisq aħjar milli nistgħu nżommuh aħna, jew milli jżommuh il-bdiewa fuq il-biut. Biex iżjed inħajru lill-konsumaturi, aħna offrejna l-basal bil-ħmistax fil-mija tar-riduzzjoni u offrejna wkoll li nwassluh fid-djar ta' min jordna. Dan għamilnieh, u dawk li ħadu l-parir tagħna l-lum jafu li għamlu sewwa. Ma għandix bżonn ingħid li dan issa ma nistgħux nagħmluh iżjed għaliex minn din ix-xorta ta' basal ftit baqgħalna.

Il-basal li hawn illum qiegħed kollu fl-inħawi tar-Rabat u Ħad-Dingli u madwarhom fejn hemm kumditajiet aħjar biex jinżamm ukoll għat-tul. Jinħtieġ għaldaqshekk li—bħalma hu l-kas fil-patata, hekk ukoll ikun fil-basal, jiġifieri illi l-bdiewa jinħtieġ jagħtu ftit kull wieħed mill-basal li baqagħlhom biex l-affarijiet jimxu aħjar. Jekk dan ma jsirx, u jekk lilna ma tingħatax il-*quota* li nitolbu lill-kumitati ta' l-irħula, allura aħna jkollna naraw x'nagħmlu. Jekk aħna jkollna nġibu minn barra. imbagħad niddubitaw inkunux nistgħu nieħdu dak kollu li fadal maħżun hawn Malta. Jidhirli li aħjar nitħaddet ċar biex il-bdiewa ma jkollhomx għalfejn igorru wara. Jiena għaldaqshekk nittama illi mil-lum il-quddiem il-*quota* li nitolbu tiġi mingħajr taħbit. Jinħtieġ dan jibda minnufih sabiex jiena nkun nista' noħroġ razzjon li b'daqshekk kull familja jkollha sehemha bil-prezz tal-Kontroll u mhux b'iżjed.

Id-Dgħajjes t'Għawdex

Id-dgħajjes t'Għawdex kienu jiċċarġjaw xelin għal kull biċċa merkanzija li tiġi minn Għawdex li tiżen il fuq minn nofs qantar. Jiġifieri kaxxa. xkora jew mezza, kienet tħallas xelin. li tliet soldi minnhom kienu jmorru għar-ritorn tad-dugħ.

Il-liġi tal-Gvern kienet illi l-prezz tat-tagħbija li tad-dgħajsa kien suppost iżomm kellu jkun disa' soldi biss. Iżda d-dgħajjes kienu jżommu xelin. Sakemm il-prodotti kienu iġibu prezz tajjeb, il-bdiewa ma tkellmux. Iżda, il-lum il-prezzijiet tal-prodotti tbaxxew bil-qabda meta tqishom ma' tas-sena l-oħra u aħna jidhrilna li ż-żmien daħal meta l-prezz tan-nol kellu jitbaxxa wkoll. Disa' soldi kull

(Jissokta fil-faċċata 2)

KWISTJONIJIET OHRA TAL-LUM FUQ IL-BIEDJA

(*Jissokta mill-faċċata* 1)

kaxxa u xkora li tiġi minn Għawdex bil-patt li meta d-dgħajsa tmur lura tieħu lura wkoll id-dugħ, jew il-vojt kollu, jidhrilna li hi ħaġa f'waqtha. U għalhekk aħna għamilnieha legali illi d-dħsa' soldi jfissru wkoll illi d-dgħajjes għandhom jieħdu l-vojt lura. Din mhix ħaġa ġdida, għax din kienet id-drawwa minn dejjem. Nerġa' ngħid li dan hu prezz raġunat ħafna, u tad-dgħajjes ma għandhomx għalfejn igemgmu fuq hekk, għalkemm xi wħud minnhom ma ridux jaħdmu taħt dawk il-pattijiet. Aħna nħossu li m'għandniex inħallu li jitħallas xelin kull koll. Meta min igħabbi kien idaħħal, fir-ritorn, tletin jew erbgħin xkora ġo xkora waħda, dana kien jitħallas tat-tagħbija bit-tliet soldi għal kull xkora. L-ispejjeż minn Għawdex mhumiex żgħar. Jiena nittama illi tad-dgħajjes, wara li jaħsbuha sewwa, isibu illi n-nol iffissat mill-Gvern hu bil-bosta raġunat u li huma jkomplu jaħdmu bi-kwiet u mhux jaqilgħu l-inkwiet. Il-liġi l-ġdida ma semmitx il-ġobon, iżda xi dgħajjes bi skuża anqas il-ġobon ma riedu jgħabbu avvolja t-tariffa ma tbiddlitx. Madankollu, ta' min deħrilhom għabbewh biex jinku lil xi ħadd. Dan ngħidlu jien logħob tat-tfal, u jien miniex biħsiebni nħalli li frott il-għaraq tal-bidwi Għawdxi jitħassar u jintrema minħabba pika bejn sidien id-dgħajjes u l-pitkali. Min għandu raġun jieħdu u min għandu tort jieħdu, imma sadattant ma jista' jkun qatt li x-xogħol jibqa' fuq il-moll ta' l-Imġarr. Ix-xogħol ilbieraħ ġie bil-forza u jibqa' jiġi bil-forza sakemm sidien id-dgħajjes jiftiehmu li jġibuh bit-tariffa tal-Gvern, kif kienu huma aċċettaw miegħi stess u mbagħad reġa' bdielhom. It-tariffa bir-ritorn tal-vojt b'xejn għal ħaxix u frott hija ta' 9d. il-koll li jiżen 'il fuq minn 50 ratal u 6d. il-koll għal koll li jiżen taħt il-50 ratal. Fuq il-ġobon u l-bajd ma hemmx tibdil. Jiena qiegħed nivverifika l-kotba tal-Pitkali tax-Xatt u dak huwa l-ħlas li sejjer iħallas il-bidwi u mhux iżjed. Jekk għal xi żewġ vjaġġi jew iżjed il-Pitkali ħallsu iżjed lil tad-dgħajjes dan seirin iħallsuh minn buthom u mhux minn but il-bidwi. Jekk għamlu żball il-Pitkali tax-Xatt ibatuh huma, kif huma qalu li pronti biex jagħmlu. Il-liġi kienet hemm u kienet ċara għal kulħadd.

(*Jissokta*)

PATATA BLA KONTROLL — ŻERRIEGĦA TAL-PATATA — ĠABRA TAL-BASAL

(*Mit-Taħdita tad-Direttur tal-Biedja, 15 ta' Ottubru 1944*)

Bħalma tafu lkoll, imħabba l-bżonn tal-gwerra, sa mill-1942, il-Gvern kien ħass il ħtieġa li jikkontrolla l-prezz tal-patata u jiġborha u jqassamha hu. Dan kien sar għall-ġid tal-poplu kollu, biex il-patata titqassam kif imiss, biex isservi kemm jista' jkun għal żmien twil, u biex ma tinħeliex.

Dan il-kontroll tal-patata sejjer jispiċċa bil-patata li qegħdin nikkunsinnaw issa. Jiġifieri li malli tispiċċa l-patata tas sajf, il-patata tax-xitwa tkun tista' tinbiegħ mingħajr kontroll.

Mela ftakru u għidu lil sħabkom illi l-patata tax-xitwa li sejra tilħaq minn hawn u ftit ġimgħat oħra sejra tkun mingħajr kontroll u l-bdiewa jistgħu għaldaqshekk ibigħuha kif iridu u lil min iridu. Il-Gvern la hu sejjer jiġborha u lanqas jiffissa l-prezz tagħha.

Hemm x'uħud li ġa qegħdin ixerrdu x-xniegħa li l-Gvern mhux sejjer iġib żerriegħa għall-patata tas-sajf. Il-Gvern ġa ħa ħsieb għal din iż-żerriegħa, u nittama li tkun f'idejna fiż żmien meħtieġ għaż-żrigħ. M'għandniex xi ngħidu; billi l-Gvern sejjer iġib iż-żerriegħa, dan ma jfissirx li l-patata tas-sajf sejra tkun kontrollata.

Billi l-basal li baqa' qiegħed fl-inħawi fejn hemm il-patata, jien nixtieq nerġa' nwissi lill-bdiewa biex iġibu l-basal li fadlilhom skond il-*quota* li nitolbuhom. Jekk jiġi l-basal ta' barra, ma nistgħux niggarantixxu li nieħdu dak li jibqa' ta' Malta, għaldaqshekk il-bdiewa għandhom jinqdew b'din l-okkażjoni li jġibuh bil-kwantitajiet li nitolbuhom.

IL-BIEDJA F'NOVEMBRU

(*Editur tal-Propaganda*)

Fil-Għalqa

ISSA huwa ż-żmien li jinżara' x-xgħir. Dari max-xgħir kien jinżara' wkoll il-maħlut; il-lum qed iktarx jinżara' f'Għawdex. Il-maħlut huwa taħlita ta' qamħ u xgħir. Mill-maħlut, l-iktar f'Għawdex, isir il-ħobż tal-maħlut. Il-maħlut jinżara iktarx bħala għalf għall-bhejjem — nofsu qamħ u nofsu xgħir jew tnejn mit-tlieta xgħir u waħda mit-tlieta qamħ. Il-qamħ li jinżara' max-xgħir irid ikun qamħ xitwi u mhux minn tat-tomnija jew qamħ ieħor imwaħħar.

Għeluq ix-xahar jew għal bidu tax-xahar id-dieħel jista' jinżara' l-qamħ xitwi. il-qamħ samm u qamħ ieħor. F'dan ix-xahar tinżara' l-piżelli. iżda bħalma għidna kemm-il-darba, jaqbel li dawn il-prodotti ma jinżergħux qabel nofs ix-xahar biex ma jinkeddux bil-budebbus. Dan ix-xahar tinżara' wkoll il-ġilbiena bajda, is-sewda u l-ħoxna u ċ-ċiċċarda. Dawn il-prodotti m'hemmx bżonn li jinżergħu fuq art sħuna bid-demel magħżuq frisk. iżda tajjob jekk wieħed ixerred ftit demel fil-bejtiet biex iż-żerriegħa tfelles. Naddaf is-silla u l-widna mill-ħaxix ħażin.

Fil-Ġnien tal-Ħaxix

Ix-xtieli kollha fil-ħammiela. jekk kbar biżżejjed, għandhom jixxettlu kemm-il-darba ma tkunx tridhom jibqgħu fil-ħammiela. Għal bidu ta' dan ix-xahar jistgħu jitħawlu l-indivja, il-ħass. il-pitravj u l-ġidra tal-fosS, kif ukoll iz-zannur. Għall-aħħar tax-xahar u għal bidu tad-dieħel tista' tinżara' l-piżelli u l-ful li billi jinżergħu fiż-żmien li semmejna iktarx. li ma tantx jinħaqru mill-budebbus. Jinżergħu wkoll il-pastard. il-kaboċċi. il-brokkli u l-ġdur. Għall-aħħar tax-xahar jistgħu wkoll jinżergħu l-pitravi, il-karrotti, l-ispinaċi, in-nevew u r-ravanell biex jilħqu għall-imwaħħar, kif ukoll il-bringiel ġol-bqajjaq ma' ħajt tax-xemx biex ikollok xtieli sbieħ għal bidu tar-rebbiegħa. Imborġa l-krafes. iz-zannur jew kurduni u l-kurrat malli jilħqu jikbru. Nissel bi bċejjeċ jew bir-radikar il-merdqux, ir-riegnu, is-salvja. l-erba bjanka, l-assenzju u n-nagħniegħ, u tinżara' jew titqassam il-melissa.

Fil-Ġnien tas-Siġar

Bħalissa s-siġar tal-larinġ huma mgħobbijin bil-frott li diġà beda jsir lewn id-deheb u jiħmar, iżda l-larinġ ikun għadu ma sarx sewwa qabel Frar. Il-frott kollu li jżomm għax-xitwa, bħalma hu l-lanġas u t-tuffieħ, jinqata', iżda dak il-lanġas li hu mwaħħar ma għandux jinqata' qabel nofs Novembru. Iż-żebbuġ bħalissa jkun qed isir u għandu jinġabar malajr biex ma jitħassarx. Iż-żabra tad-dwieli, tat-tin, tar-rummien u tal-frott irqiq kollu tista' tinbeda malli s-siġar jinżgħu mill-weraq. Dan ix-xahar u d-dieħel wieħed jista' jħawwel il-lewż u kullma hu mlaqqam fuq il-lewż, bħalma huwa l-ħawħ. in-nuċiprisk u l-pruna.

Id-dubbiena tal-frott qed taħqar ħafna l-larinġ u l-mandulina. Igbor il-frott kollu li jaqa' taħt is-siġar u imla l flixkien (in-nases) tad-dubbiena bil-lixka tal-Clensel.

XIRI TA' TITOLI TAL-GWERRA U TAT-TIFDIL

X'GĦANDEK TAGĦMEL BI FLUSEK?

Ixtri Titoli tal-Gvern, in-"National Savings Certificates" (Titoli tat-Tifdil) u d-"Defence Bonds" (Titoli tal-Gwerra).

Dawn it-Titoli jistgħu jinxtraw mill-*Uffiċċju tal-Biedja*, l-Għammieri.

Qiegħed flusek fil-Fergħa tal-Bank tal-Gvern li issa fetaħ fl-*Uffiċċju tal-Biedja*, l-Għammieri.

AHBARIJIET TAL-BIEDJA MINN PAJJIŻI OHRA

(C. Żammit-Marmarà, M.B.E.)

IL-MINISTRU tal-Biedja Ingliż, f'diskors li għamel fis-16 ta' Awissu li għadda lill-"Għaqda tal-Bdiewa" f'Belfast, qallhom illi l-ġwież iktarx ser ikun skars u jdum skars għal ħafna snin wara l-gwerra!

* * *

Fordson Estates Ltd., ta' Boreham, kellhom 700 xkora fażola ħadra lesta għas-suq ta' Londra meta f'salt wieħed irċevew risposta biex ma jibagħtuhomx għaliex ma kienx hemm suq għalihom imħabba illi l-festi u ħwejjeġ oħra fixklu s suq!

Wara li ftit mill-ixkejjer ittieħdu fis-silġ, il-kumplament tqassmu *b'xejn* lin-nies tar-raħal!

* * *

Il-marda tal-"Lsien u tad-Dwiefer" dehret fl-Ingilterra għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Awissu, u bdiet tixtered f'bosta rħula. Il-Ministeru tal-Biedja Ingliż jgħid li jaħseb li l-marda daħlet fil-pajjiż ma' xi laħam tas-silġ li nġieb mill-Arġentina fejn il-marda kienet xegħlet sewwa.

* * *

Il-Germaniżi qegħdin jinkwetaw ruħhom ħafna dwar il-"Hanfusa tal-Colorado" li tagħmel ħsara mill-kbar fil-prodott tal-patata.

In-*National Zeitung* igħid illi "il-Hanfusa tal-Colorado" u bajd tagħha instabu f'wieħed u għoxrin post fid-distrett ta' Gladbeck mill-31 ta' Mejju li għadda, u wkoll f'distretti oħra.

Bdiewa li għandhom prodotti ta' patata jew tuffieħ tadam flimkien ma' tfal li għandhom minn ħamsa sa tmien snin qegħdin jiġu mitlubin biex ifittxu u jgħassu għal dan l-insett li jagħmel ħsara tal-biża' f'qasir żmien. Aħna nittamaw li ma jidher qatt f'Malta, għalkemm fi żmien ta' gwerra l-periklu hu iktarx ikbar.

'Il quddiem għad nagħtu tagħrif komplut f'"Il-Bidwi" dwar il-Hanfusa tal-Colorado.

Uffiċjal tal-U.N.R.R.A. (*United Nations Relief and Rehabilitation Administration*) f'taħdita li kellu ma' rappreżentanti ta' ġurnali Ingliżi, qal:—

> *"Dwar il-kwistjoni tal-problema ta' kif iġġedded in-numru ta' l-annimali tar-raba' wieħed għandu jkun jaf ili t-torbija tal-baqar u taż-żwiemel hi biċċa xogħol li tmur bil-mod, u ġie kalkulat illi wkoll taħt ċirkostanzi tajba, biex wieħed iġib il-bhejjem tar-raba' ta' l-Ewropa kif kienu qabel 'il-gwerra trid millinqas minn sitta sa seba' snin."*

* * *

L-aħħar aħbarijiet ta' Settembru juru li l-marda ta' Lsien u Dwiefer kompliet tixtered ġewwa l-Ingilterra. Iddehra tal-marda twettqet f'razzett tal-majjali fl-inħawi ta' Dunfermline, fl-Iskozja.

Il-pulizija t'hemmhekk ordnaw li l-klieb jiġu kontrollati. Meta sentejn ilu dehret il-marda f'dawk il-postijiet kienu ħasbu li hi ġiet imxerrda minn post għal ieħor mill-klieb.

* * *

Long Ashton Research Station ta' Bristol għamel provi b'żewġ sustanzi fejn sabu li meta l-patata titbixx bihom iddum ma tnebbet għal żmien twil. Dawn is-sustanzi huma: *N.a.a.* (alpha—naphthalene—acetic acid) u *N.a.o.* (beta—naphtoxħ-acetic acid). Ta' l-ewwel hu għoli ħafna u diffiċli biex jintagħmel. Tat-tieni hu orħos u iżjed faċli.

L-esperimenti sa jerġgħu jsiru din is-sena u jekk jirnexxu sewwa jkunu ta' interess kbir għal Malta billi dan igħin biex aħna nkunu nistgħu nżommu l-patata ta' l-ikel aħjar u għal żmien wisq itwal mis-soltu.

* * *

Charles Sharpe kumpannija Ingliża taż-żerriegħa talbaxix u fjuri kellha, fl-aħħar sena finanzjarja (1943-44), qligħ ta' £152,417! Qassmet lis-*share holders* 10 fil-mija bi 2 u nofs fil-mija bonus (tnax u nofs fil-mija b'kollox).

* * *

Għassa bl-ikbar reqqa qiegħda ssir f'portijiet ta' l-Ingilterra għal kull vapur li jasal minn Normandija għaliex jista' jġib ġewwa l-Ingilterra l-"Hanfusa tal-Colorado" li minnha l Ingliżi jibżgħu wisq—u għandhom raġun.

Uffiċjal tal-Ministeru tal-Biedja Ingliż qal illi sabu waħda minn dan il-Hanfus fuq vapur li kien għadu qiegħed jerġa' lura minn Franza. Il-"Hanfusa tal-Colorado" hi komuni f'ċerti postijiet hemmhekk, u wieħed minn dawn il-postijiet hi n-Normandija.

INDURU DAWRA S-SIĠAR TAL-FROTT

(C. Zammit Marmarà, M.B.E.)

DIN id-darba wieħed għandu jdur dawra s-siġar tal-frott bir-reqqa iżjed mis soltu. Jiħtieġ niftakru illi s-siġar fihom innifishom huma kapital bħalma hu kapital il-bini, bid-differenza li s-siġar jagħtuk frott skond il-kura li tagħtihom inti, u jgħixu għal bosta snin jekk tagħraf iddur bihom kif titlob is-sengħa.

Ibda dur *issa* s-siġar tal frott — huma x'inhuma — u aqta' l-friegħi kollha li huma mejta. Il-biċċa l-kbira tal-mard tas-siġar jibda minn fuq fergħa mejta, u minn fuq il-mejta jibqa' jiġri għal fuq il-ħajja. Hemm bosta minn dan il-mard li, jekk tħallih jidħol 'il ġewwa, ma ssibx irmedju għalih. Barra minn dan, xi mard jista' jibda fuq fergħa mejta ta' siġra u jiġri fuq siġra oħra li tkun b'saħħitha u li tkun qrib tagħha. Meta taqta' z-zkuk mejta la tfittex il-bidu ta' fergħa u taqta' minn hemm. Il-qtugħ ta' fergħa mejta jinħtieġ isir sa fejn jibda l-ħaj. Jekk inti tħalli tarf ta' mejta fuq il-ħaj, dan iservi ta' ħsara, u minnu jista' jibda l-kankru. Għaldaqstant meta taqta' ibqa' nieżel sa fuq għaksa b'rimja ħajja.

Jiħtieġ illi l-qatgħa ssir minn fuq għaksa. Jekk inti taqta' min-nofs il-fergħa, jiġifieri bejn żewġ għekiesi, il-biċċa li tibqa' mill-għaksa 'l fuq terġa' tinxef. Kull qatgħa li taqta' għandek tillixxaha sewwa, u la tħallix il-fergħa fejn taqta' b'biċċa mill-qoxra mqaċċta, għax dan jagħti wkoll bidu għall-kankru jew jiftaħ trieq għall-mard. Meta tagħmel biċċa xogħol, agħmilha bil-għaqal u mhux kif ġie ġie, biex ma tagħlix.

Wara li tkun qtajt il-fergħa u llixxajtha sewwa b'mod li fiha la tkun ħallejt ħruxija u anqas id-dehra ta' snien is-serrieq, allura l-qatgħa, jekk ma tkunx żgħira bosta, ikun jinħtieġ li tinżebagħ jew bil-qatran jew inkella bix-xemgħa tat-tilqim (*Mastiċi*) li tinxtara f'bottijiet żgħar. Iżda jien mill-esperjenza tiegħi, ma nsib xejn aħjar mill-bjankett *tajjeb* u nħolluh bi ftit żejt (mhux maħlul ħafna) iservina ħafna u jkun l-aħjar għata għal dan il-qtugħ, li sakemm jagħlaq sewwa nistgħu niżbgħuh kull tliet xhur. Il-bjankett jagħlaq tajjeb il-pori u l-vini tal-qatgħa u allura l-ilma ma jidħolx, u l-qatgħa malajr tiddewwa u ma titherriex. Qatt tħalli qatgħa mikxufa; bix-xemgħa, bil-qatran jew bil-bjankett jinħtieġ tiżbogħha. Dawk li jgħattuha bit-tajn jew bil-ħamrija ma jkunu jagħmlu xejn tajjeb.

Nofs il-ħsara li ssir lis-siġar waqt il-qtigħ jew iż-żbir hi kaġunata minn għodda miżmuma ħażin. Żomm il-għodda msinna biex tbati inqas int u tagħmel xogħol ta' fejda.

Din is-sena s-siġar tal-frott irqiq dalwaqt jonfħu l-blanzuni tagħhom, u għaldaqshekk fergħa mejta malajr nistgħu nagħrfuha.

Agħti ftit Sulfat ta' l-Ammonja lis-siġar tal-lumi. Siġar kbar ħafna tista' tagħtihom ratal, siġar żgħar nofs ratal.

Tistenniex sa Mejju biex taqta' friegħi mejta minn fuq is-siġar tal-larinġ. Aqtagħhom *issa* kif fissirna.

XI MARD FUQ IT-TJUR

(Kif nindunaw bih qabel jinxtered)

(*C. Zammit Marmarà, M.B.E.*)

DAWK kollha li jrabbu t-tjur għandhom dejjem joqogħdu attenti għall-ħmieġ tagħhom. għax minn dan wieħed ikun jista' jara f'liema stat tinsab it-tajra li tkun; tkunx tajra marida. jew f'saħħitha. Il-għamla, il-lewn u l-kwalità tal-ħmieġ bosta drabi juru l-mard li jkun beda miexi fuq it-tjur tiegħek. u b'hekk inti tkun tista' minnufih tagħmel dak li jinħtieġ biex issalva t-tajra.

Tiġieġa li qiegħda tbid fl-aqwa tagħha tagħmel ħmieġ ta' lewn minn griż għall-iswed, aktarx bi skorċa bajda fuqu. Fil-kwalità hu jkun iebes, lixx u kollu xorta waħda, u ma jintinx iżżejjed.

Tiġieġa f'saħħitha, iżda li mhix tbid, tagħmel ħmieġ ta' daqs żgħir u aktarx ta' lewn griż bajdani.

Jekk il-ħmieġ ikun fih bċejjeċ ta' l-ikel miegħu, allura dan juri illi d-diġistjoni ta' l-annimal mhix flokha.

Jekk ikun hemm bosta bċejjeċ ta' l-ikel mal-ħmieġ, dan allura juri li inti qiegħed tagħlef l-annimali tiegħek bla qies, u li huma qed jieħdu żżejjed.

Jekk it-Tajra tkun Marida

Jekk it-tajra li jkollok tkun marida, allura bosta drabi l-ħmieġ igħin biex nagħarfu x-xorta ta' marda li jkollha.

Jekk mal-ħmieġ ikun hemm xi ħniex bojod żgħar, mejta jew ħajja, huma juru li hemm għadd kbir minnhom fl-imsaren tat-tiġieġa, u jinħtieġ li aħna nagħtuha minnufih xi mediċina kontra l-ħniex.

Jekk il-ħmieġ ikun maħlul, it-tajra li tagħmel dan tista' tkun qed tbati minn paraliżi u biex inkunu żguri jinħtieġ li nosservaw dejjem it-tiġieġ biex naraw għandhomx sinjali oħra li juru dan, bħal ngħidu aħna, saqajn debboli jew ġwienaħ mitluqa.

Il-marda tas-sider ukoll iġġib id-*diarrhea* (fetħa) u għalhekk it-tajr li narawh b'*diarrhea* qawwija għandna neżaminawlu sidru biex naraw hux magħlub. Il-għadma tas-sider nieqsa mil-laħam għal kollox hi sinjal ta' marda tas-sider.

Riħ jew Mard tal-Fwied

Meta l-fetħa ma tkunx ġejja minn mard tas-sider, din malajr turina. Riħ jew mard tal-fwied iġagħal tiġieġa tagħmel maħlul ħafna u lewn "il-mustarda".

Jekk ma' l-ikel tuża tagħti wisq dqiq tal-ħut, allura dan id-dqiq tal ħut iġib il-fetħa lewn il-ġinġell. Ukoll taqlib ta' l-ikel f'salt jew bidla fl-oġġetti ta' l-ikel tista' tikkaġuna daqsxejn fetħa għal żmien qasir.

Jekk it-tiġieġ ikunu ħafna flimkien u aħna ma nkunux nistgħu ngħidu l-ħmieġ li juri xi mard ta' liema tajra hu, allura ħu dmir tagħna li naqħmlu dak li nistgħu biex nfittxu nsibu t-tiġieġa u din għandna minnufih inbiddluha minn fejn tkun, billi naqtgħuha għaliha (jekk ikollna fejn) jew neqirduha għal kollox mill-ewwel.

Għandna niftakru li bosta mill-mard jibda fuq tajra waħda u jigri malajr fuq oħrajn. Kieku aħna noqogħdu attenti għal sinjali żgħar li jistgħu juruna l-bidu tal-mard, kieku nifrankaw it-telf ta' bosta tjur li kull staġun ikollna.

ĠIB 'IL QUDDIEM

IL-MAJJALI U T-TIĠIEĠ TIEGĦEK

SAĦĦAĦHOM BILLI TITMAGĦHOM IT-TAĦLITA

ta'

SMIDA U ĦALIB

Dan l-ikel mill-aħjar issa tista' tixtrih mingħajr razzjon.

Ipprofitta ruħek minn din l-okkażżjoni u saħħaħ l-annimali tiegħek qabel jibda l-ksieħ.

Prezz f'Malta: £1. 15s. il-qantar.

Prezz f'Għawdex: £1. 16. 6d. il-qantar.

Jekk trid tixtri bil-kwantità irrikorri għand:

THE MALTA MILLERS EMERGENCY ASSOCIATION—227, Trieq ir-Rjali—il-Belt.

WIĊĊ TA' QAMĦ MILL-AKBAR FL-AMERIKA

(*Mill-"Farmers' Weekly"*)

IL-PRODOTT tal-Qamħ ta' l-Amerika għas-sena 1944-45 ġie issa ikkalkulat li jilħaq madwar 173,125,000 modd bla ma tgħodd l-importazzjonijiet. Fl-1 ta' Ġunju kien ikkalkulat li laħaq 129,375,000 modd li hija l-akbar kwantità ta' prodott ta' qamħ fl-istorja ta' l-Amerika. Mill-1 ta' Ġunju 'l hawn l-uċuħ baqgħu fuq kollox mexjin birrisq.

Il-bilanċ tal-prodott tal-qamħ ta' qabel fl-1 ta' Lulju, 1944, huwa issa ikkalkulat li jlaħħaq 43,750,000 modd.

Il-kwantitajiet meħtieġa għaż-żrigħ għall-ikel u ta' alcohol fis-sena 1944-45 jistennew li jkunu l-istess bħal dawk tas sena 1943-44, iżda l-użu ta' qamħ għall-ikel jista' jonqos sa madwar 31,250,000 modd, iżda dan jiddependi mill-kwantità li toħroġ mill-prodott ta' tgħam.

Jistennew li l-esportazzjonijiet jikbru, iżda l-kwantità ta' dan tiddependi wkoll mill-progress tal-gwerra.

Fuq dak li wieħed jista' jittama, għandna nistennew — igħid l-O.W.I. ta' l-Amerika — li fl-1 ta' Lulju 1945 ikun hemm bilanċ ta' madwar 37,500,000 modd bla ma wieħed jikkalkula l-importazzjonijiet.

Hemm it-tama illi l-produzzjoni tal-qmuħ tad-dinja fl-1944, minn barra dik tar-Russja u taċ-Ċina, tista' tisboq il-produzzjoni ta' l-1943 li fl-istess ħin turi żieda qawwija fl-Amerika ta' Fuq li mbagħad, mill-banda l-oħra, titpatta b'nuqqas f'pajjiżi oħra.

Il-produzzjoni tal-qamħ fl-Ewropa tista' tkun xi ħaġa inqas minn dik ta' l-uċuħ tas-sena l-oħra li kienet ġa inqas mill-medja.

Il-ħażna tal-qamħ fl-aqwa erba' pajjiżi li jesportaw, jiġifieri l-Kanada, l-Arġentina, l-Awstralja u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fl-1 ta' Lulju 1944 stennejna li tlaħħaq is-somma ta' madwar 153,750,000 modd li tista' ixxebbaħhom mal-produzzjoni tal-1943 ta' 218,750,000 modd — li kienet "rekord" — u mal-produzzjoni bejjenija ta' għaxar snin (1932-1942) ta' 91,125,000 modd.

AVVIŻI

XTIELI TAL-ĦAXIX GĦALL-BEJGĦ: Dawn ix-xtieli tal-ħaxix jistgħu jinxtraw mill-Qasam tal-Għammieri, mill-Ħanut tal-Bejgħ taż-Żerriegħa u Xtieli, Trieq ir-Rjali, il-Ħamrun. u mill-Post tad-Dipartiment tal-Biedja, is-Suq tal-Belt u mill-Kiosk ta' barra Putirjal: **Kaboċċi, Pastard u Krafes**, kollha bil-prezz ta' 1s. kull 100 xitla; **Ġdur**, 9d. kull 100 xitla; **Ħass**, 3d. kull 100 xitla.

RAZZJONIJIET TA' ĠWIEŻ. — Il-biljetti tar-razzjon tal-ġwież mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru, 1944, jistgħu jingabru mill-Għases tal-Pulizija kull ġurnata li tkun bejn l-1 u l-15 ta' Novembru. Il-kwantitajiet ta' razzjon għal dan il-perijodu huma kif ser infissru:— Għal kull Żiemel, 180 ratal xgħir; Bagħal, 160 ratal xgħir; Mezzu Kavallu, 140 ratal xgħir; Pony, 80 ratal xgħir; Ħmar, 60 ratal xgħir; Majjal, 120 ratal smida; għal kull ras ta qabil il-Fart, 145 ratal ful; għal kull ras ta' qabil il-Mogħża, 18-3 ratal ful. — Dawk kollha li għandhom Tjur u Fniek, jew nies li għandhom il-Biljett tar-Raba' jkunu jistgħu jixtru xkora smida. Barra minn dan, dawk li mhumiex bdiewa jkunu jistgħu jixtru 10 rtal ħafur. Ma' tul iż-żmien li ġej tar-razzjon tal-ġwież, jiġifieri mill-1 ta' Jannar, 1945 sat-28 ta' Frar, 1945, sa titqassam razzjon barranija ta' 36 ratal ful għall-ifrat u 4 rtal ful għall-bhejjem tar-razza tal-mogħża lil dawk in-nies li għandhom dawn il-bhejjem u li ma' tul ix-xahar ta' Ottubru, 1944, ma kenux ħadu ful mid-Dipartiment tal-Bejgħ tal-Ħalib.